**5 ta' Ottubru, 1998**

***Imħallfin:-***

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**

Carmelo Camilleri *et*

*versus*

John Preca *et noe*

**Danni - Eredi - Polza ta' Assikurazzjoni**

*L-atturi eredi ta' persuna li mietet f'inċident fuq* motorcyle *aġixxew fejn talbu* inter alia *dikjarazzjoni illi d-*decujus *kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni.*

*Il-Qorti ta' l-Appell waslet għall-konvinċement illi l-ewwel talba attriċi hi sostenibbli biss fil-konfront tas-soċjetà konvenuta limitatament għad-dikjarazzjoni ta' l-eżistenza tal-polza, hija valida l-eċċezzjoni tal-konvenuti* nomine *fir-rigward ta' din it-talba illi s-soċjetà konvenuta ma setgħetx tirrispondi għall-premessa jekk il-polza kinitx jew le tapplika fir-rigward ta' l-inċident meritu tal-kawża u li għal dan setgħet biss tirrispondi s-soċjetà assiguratriċi u ordnat konsegwentement il-kjamata fil-kawża tas-soċjetà assikuratriċi.*

Il-Qorti:-

L-atturi pproċedew kontra s-soċjetà konvenuta b'dan l-att taċ-ċitazzjoni:

"Illi Mark Anthony Camilleri kien impjegat tal-kumpannija konvenuta u dan miet fl-1 ta' Ottubru, 1988 fi Triq l-Imdina, Ħal Qormi, f'inċident tat-traffiku meta kien qiegħed isuq *motorcycle* Suzuki numru 7707 hu u ġej lura mix-xogħol;

Illi Mark Anthony Camilleri bħall-impjegati l-oħrajn kollha tad-ditta konvenuta kien assikurat u kopert bi *Group*

*Personal Accident Insurance Policy* numru 87/00074/F320;

Li tipprovdi, fost oħrajn, benefiċċju finanzjarju favur l-eredi f'każ li xi mpjegat imut f'inċident;

Illi l-kumpannija konvenuta qed inġustament tirrifjuta li tħallas kwalsiasi *benefiċċju/kumpens finanzjarju* u peress li qed tirritjeni li *motorcycling* huwa eskluż u għalhekk mhux kopert bil-polza ta' assikurazzjoni fuq imsemmija;

Illi l-atturi huma l-werrieta tad-*decujus* Mark Anthony Camilleri;

Illi d-*decujus* qatt ma ġie nformat li mhux kopert bl-assikurazzjoni msemmija f'każ li juża mutur għat-trasport tiegħu u dan meta l-kumpannija konvenuta ma tipprovdix trasport għall-impjegati tagħha;

Illi fi kwalunkwe każ l-eskluzjoni fil-polza ta' l-assikurazzjoni fuq imsemmija ma tirreferix għal trasport bil-mutur minn u lejn il-post tax-xogħol iżda tirreferixxi għal parteċipazzjoni sportiva ta' *motorcycling* fejn ir-riskju hu ovvjament ferm akbar;

Talbu li din il-Qorti:

Tiddikjara li l-inċident stradali u fatali li sofra Mark Anthony Camilleri fl-1 ta' Ottubru, 1988, kien kopert bil-polza ta' assikurazzjoni (*Group Personal Accident Insurance Policy*) numru 87/00074/F320 fuq indikata;

Tillikwida l-ammont dovut lill-atturi taħt l-istess polza ta' assikurazzjoni u dawna bħala werrieta ta' l-imsemmi Mark

Anthony Camilleri;

Tikkundanna lill-konvenuti *nomine* jħallsu l-ammont li jiġi hekk illikwidat lill-atturi u dan bl-imgħax dovut;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti *nomine*";

Il-konvenuti *nomine* hekk eċċepew għad-domanda attriċi:

"Illi l-konvenuti kienu koprew lil Anthony Camilleri b'polza ta' assikurazzjoni prevista fil-kuntratt tax-xogħol tiegħu;

Illi d-ditta konvenuta ma hija bl-ebda mod responsabbli għall-inċident li sofra Anthony Camilleri u għad-danni naxxenti *minn dak u għalhekk* bl-ebda *mod ma tista' tiġi kkundanata* taffettwa ebda ħlas;

Illi in kwantu ċ-ċitazzjoni hija ntiża biex tottjeni dikjarazzjoni li Anthony Camilleri kien kopert għal dak li jirrigwarda l-inċident stradali in kwistjoni bil-polza ta' assikurazzjoni *din it-talba għandha tiġi diretta kontra d-ditta* assiguratriċi in kwistjoni u d-ditta konvenuta bl-ebda mod ma tista' tirrispondi għat-tali talba";

B'sentenza tat-12 ta' Ottubru, 1995 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet il-kawża billi laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti *nomine u ċaħdet bħala nsostenibbli t-talbiet attriċi bl*-ispejjeż kontra l-atturi;

L-Ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza tagħha:

"Illi l-abbli Perit Legali ssottometta li l-eċċezzjonijiet tal-

konvenuti *nomine* għandhom jiġu miċħuda u d-domandi attriċi għandhom jiġu akkolti; huwa wkoll illikwida kumpens ta' Lm7975.76,0;

Il-Qorti bir-rispett kollu ma tistax tikkondividi s-sottomissjonijiet peritali u l-konklużjonijiet raġġunti fir-relazzjoni billi hija tal-fehma li l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti *nomine* huma fondati fid-dritt. Illi kif sewwa eċċepew il-konvenuti *nomine* s-soċjetà konvenuta ma hija bl-ebda mod responsabbli għall-inċident li sofra Mark Anthony Camilleri u għalhekk is-soċjetà konvenuta bl-ebda mod ma tista' tiġi kkundannat taffettwa ħlas ta' danni. Difatti l-ewwel talba attriċi hija biex jiġi ddikjarat li l-inċident stradali u fatali li sofra Mark Anthony Camilleri fl-1 ta' Ottubru, 1988, kien kopert bil-polza ta' assikurazzjoni msemmija fl-istess talba. It-tieni talba hija biex jiġi llikwidat l-ammont dovut lill-atturi taħt il-polza ta' assikurazzjoni u t-tielet talba hija biex il-konvenuti *nomine* jħallsu l-ammont li jiġi hekk illikwidat lill-atturi;

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenuti *nomine* ssottomettew illi fl-ewwel lok irid jiġi rrilevat illi l-atturi ntavolaw iċ-ċitazzjoni odjerna kontra s-soċjetà konvenuta Dredging Works Company Limited waqt li l-Meditteranean Insurance Brokers Ltd. u l-*Underwriters* tal-polza msemmija fiċ-ċitazzjoni mhumiex konvenuti fil-kawża. Issa, is-soċjetà konvenuta bl-ebda mod ma kkaġunat l-inċident in kwistjoni, u dan hu ampjament ammess mill-istess atturi. L-atturi qed jibbażaw il-kawża fuq l-eżistenza tal-polza ta' assikurazzjoni u ċjoè *General Personal Accident Policy*. Il-pagament taħt il-polza jista' jsir biss mill-kumpannija assikuratriċi lill-kumpannija assikurata magħha. Anke kieku terza persuna (i.e. l-atturi) setgħet legalment titħallas mill-kumpannija assikuratriċi (sitwazzjoni mhux applikabbli f'dan il-

każ) il-kumpannija assikuratriċi trid ikun konvenuta, ħaġa li mhijiex. Għalhekk anke jekk il-polza tkopri l-inċident in kwistjoni, l-attur xorta waħda ma jistax ikollu kundanna favur tiegħu kontra l-kumpannija assikuratriċi. Il-konvenuti *nomine* ssottomettew ukoll li minn eżami tad-domandi fiċ-ċitazzjoni *jidher illi l-atturi talbu li jiġi ddikjarat li l-inċident in kwistjoni* hu kopert minn polza ta' assikurazzjoni, li l-ammont tad-danni jiġu llikwidati u li s-soċjetà konvenuta Dredging Works Co. Ltd. tiġi kkundannata tħallas dan l-ammont. *Jidher* ċar anke minn eżami leġġer tat-talbiet illi t-tielet domanda ma ssegwix loġikament u legalment l-ewwel żewġ domandi. Dana għassempliċi raġuni illi ma hemmx *dikjarazzjoni ta' responsabbilità* fil-konfront tal-kumpannija konvenuta Dredging Works Co. Ltd. u lanqas ma hemm *nexus* bejn l-inċident, il-polza ta' assikurazzjoni u responsabbilità tal-ħlas da parti ta' Dredging Works Co. Ltd.;

Fil-fehma tagħha s-sottomissjonijiet tal-konvenut *nomine* hawn fuq ċitati huma fondati u konsegwentement it-talbiet kif ifformolati mhumiex sostenibbli fil-konfront tas-soċjetà konvenuta billi, anke kieku kellha tiġi milqugħa l-ewwel talba, dan ma jistax iwassal għall-kundanna tas-soċjetà konvenuta";

L-appellanti qed jissottomettu illi l-Ewwel Qorti għamlet "apprezzament ħażin tad-dritt". Jissottomettu illi ġie ppruvat illi l-konvenuti *nomine* kienu koprew lil Anthony Camilleri, l-aventi kawża tagħhom, b'*General Personal Accident Policy* mal-Mediterranean Insurance Brokers Ltd. *Hu stabbilit li l-*atturi u d-*decujus* ma kellhom l-ebda relazzjoni ġuridika kontrattwali diretta mas-soċjetà konvenuta assiguratriċi. Ir-relazzjoni ta' *l-appellanti kienet biss ma' l-employer* tad-*decujus* u din is-soċjetà kienet hi stess li ħadet ħsieb personalment, anke biex tipproteġi l-interessi tagħha, li tagħmel *General Personal Accident Policy* għall-ħaddiema tagħha;

L-appellanti jissottomettu illi s-soċjetà assiguratriċi bl-ebda mod ma setgħet issofri qatt ebda preġudizzju u dana peress li, una volta nnotifikata b'din l-istanza, setgħet faċilment tintervjeni *in statu et terminis* kif del resto jsir ġeneralment fil-kawżi tad-danni;

Dan l-aggravju però bl-ebda mod ma jindirizza l-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti li tilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta u tiċħad it-talbiet attriċi. Id-dnub oriġinali f'din il-kawża hu l-mod kif ġiet konċepita l-azzjoni. L-appellanti jsostnu illi din mhijiex azzjoni mmirata għad-dikjarazzjoni ta' responsabbilità delittwuża jew kważi delittwuża tas-soċjetà fil-konfront ta' l-awtur ta' l-atturi. L-atturi appellanti bl-ebda mod ma huma jaddebitaw xi ħtija lis-soċjetà konvenuta għall-inċident stradali li fih safa' mtajjar u konsegwentement miet l-awtur ta' l-atturi. Indipendentement minn din il-ħtija, li tkun trid toħroġ minn eżami tad-dinamika tas-sinistru u minn eżami ta' l-addebiti li kellu jirrispondi għalihom kull min kien involut fih, l-atturi qegħdin iħarrku lis-soċjetà konvenuta għal dikjarazzjoni li dan l-inċident fatali kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni, imsemmija fl-att taċ-ċitazzjoni, u li konsegwentement huma kienu ntitolati għall-ħlas ta' kumpens hemm miftiehem. Kif sewwa rrilevat l-Ewwel Qorti, però, l-azzjoni hi allura bbażata fuq relazzjoni kontrattwali naxxenti minn polza ta' assigurazzjoni. L-ewwel talba timplika mhux biss dikjarazzjoni li kienet teżisti Group *Personal Accident Insurance Policy*, li skond l-appellanti kienet tkopri l-inċident fatali *de quo*, imma ukoll u aktar, li dik il-polza, l-eżistenza tagħha bħala fatt ma jirriżultax ikkontestat, kienet fil-fatt tkopri lil u tapplika għaċ-ċirkostanzi li kienu taw lok għall-inċident stradali li fih safa mejjet l-awtur tagħhom. Hi allura kawża għar-risarċiment ta' ammont *ex contractu*. Imma hu aktar minn ovvju illi l-kuntratt ta' assigurazzjoni sar bejn is-soċjetà konvenuta f'din il-kawża u s-soċjetà assiguratriċi li hi terz u bl-ebda mod ma hi parti f'din il-kawża; li l-awtur ta' l-

atturi ma kienx direttament parti f'dan il-kuntratt imma mhux eskluż li kien, kif fil-fatt qed jippretendi f'din il-kawża, interessat f'dak il-kuntratt, billi kien impjegat tas-soċjetà konvenuta meta seħħ l-inċident;

Din il-Qorti allura ma tarax kif tista' tiġi sostnuta l-ewwel talba attriċi li jiġi ddikjarat li l-inċident fatali kien kopert bil-polza ta' assigurazzjoni meta din it-talba mhijiex diretta kontra s-soċjetà assiguratriċi li ħarġet il-polza u li qabel xejn kellha tirrispondi għall-kweżit kruċjali tal-kawża jekk kienx jew le veru li l-*Group Accident Insurance Policy* kienet tkopri ċ-ċirkostanzi partikolari *ta' l-inċident li fih l-*awtur ta' *l-*atturi kien involut. Infatti, l-ewwel kontestazzjoni li tirriżulta mill-atti hi illi s-soċjetà assiguratriċi kienet qed tippretendi li r-risposta għal dan il-kweżit kellha tkun fin-negattiv u li hi kienet qed *tippretendi illi l-polza li ħarġet biex tkopri lill-impjegati tas-*soċjetà konvenuta ma kinitx tkopri inċident tax-xorta taħt eżami;

Hu ovvju li ċertament l-ewwel talba attriċi li fuqha kienu jiddependu ż-żewġ talbiet l-oħra għal-likwidazzjoni ta' l-ammont dovut u l-ħlas tiegħu konsegwenzjali għaliha kellha tiġi diretta fl-ewwel lok lejn is-soċjetà assiguratriċi u żgur li ma setgħetx tiġi mwieġba mis-soċjetà konvenuta. Is-soċjetà konvenuta setgħet biss tirrispondi għall-fatt ta' l-eżistenza tal-polza u li din kienet tinvolvi lill-awtur ta' l-attturi bħala *insured person.* Kien jispetta lis-soċjetà assiguratriċi li tikkontesta, kif effettivament jidher li qed tagħmel, illi ċ-ċirkostanzi ta' l-*inċident li fih l-*awtur *ta' l-*atturi *kien involut, kinux jew le* koperti bil-polza u jekk allura kinitx konsegwentement tenuta li tħallas skond it-termini tagħha;

*Is-soċjetà konvenuta manifestament ma kellha l-ebda* obbligu li tħallas hi l-kumpens pretiż. L-uniku obbligu legali li

seta' kellha s-soċjetà konvenuta fil-konfront ta' l-impjegati tagħha kien illi tagħmel il-polza u żżommha ħajja billi tħallas il-*premiums* dovuti. Obbligu li seta' kellha taħt xi *collective agreement* li jirregola l-kondizzjonijiet tax-xogħol ta' l-impjegati tagħha li wieħed jippreżumi li kien hemm għalkemm prova tiegħu ma jidhirx li saret. F'kull każ ma hemm l-ebda kontestazzjoni illi s-soċjetà konvenuta naqset minn xi obbligu li tipprovdi lill-impjegati l-assigurazzjoni taħt eżami;

Id-domanda allura li għandha tiġi risposta hi jekk l-azzjoni kellhiex tkun diretta lejn is-soċjetà konvenuta li kienet timpjega n-nies jew lejn is-soċjetà assiguratriċi li assumiet l-obbligi fil-konfront ta' l-impjegati tas-soċjetà konvenuta sakemm il-polza tkun validament *in vigore* jew kontra tagħha it-tnejn. Minn eżami ta' l-atti din il-Qorti waslet għall-konvinċiment, kuntrarjament għal dak illi kkonkludiet l-Ewwel Qorti, illi l-azzjoni kellha tiġi diretta kemm kontra s-soċjetà konvenuta kif ukoll kontra s-soċjetà assiguratriċi, li mhijiex parti fil-kawża. Dana għal dawn ir-raġunijiet:

Kif ingħad, indubbjament, is-soċjetà konvenuta, minn rajha jew għaliex hekk miftiehema fuq *collective agreement*, għamlet kuntratt ta' assigurazzjoni biex tkopri *accident and illness* ta' l-impjegati tagħha. Din il-polza, jekk jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet tagħha, kienet tobbliga lis-soċjetà assiguratriċi hekk: "*subject to the terms and conditions obtained herein or endorsed hereon, if during the Operative Time during any Period of Insurance and within the Geographical Limits as hereinafter specified, any of the Insured Persons listed thereafter shall sustain Bodily Injury or Illness as hereinafter defined the Company shall pay in respect of each Insured Person the appropriate benefit specified in the Schedule to the Insured*";

Il-polza tagħmel distinzjoni bejn *the Insured* li hi s-soċjetà konvenuta u *the Insured Person* li huma mpjegati tas-soċjetà konvenuta kif minn żmien għal żmien speċifikat fil-polza u fl-*endoresements* sussegwenti. Ċertament *il*-kuntratt sar bejn is-soċjetà assiguratriċi u s-soċjetà konvenuta bħala l-*Insured* tagħha. Bejn dawn kien hemm relazzjoni ġuridika fil-kontenut ta' dak il-kuntratt. Dan in kwantu bħala benefiċċjarji tal-polza huma seta' kellhom il-jedd li jirreklamaw dak li skond dik il-polza kien dovut lilhom, anke jekk fil-persuna ta' min kien iħaddimhom u permezz tiegħu. Infatti, il-kuntratt ta' assigurazzjoni taħt eżami jispeċifika illi l-pagament tal-benefiċċju da parti tas-soċjetà assiguratriċi kellu jkun "*in respect of each insured person*" però kellu jitħallas "*to the Insured*". Jidher allura li waqt li s-soċjetà assiguratriċi kellha żgur l-obbligu li tħallas lill-assigurat tagħha, is-soċjetà konvenuta skond il-polza taħt eżami u waqt li dak il-pagament kellu jkun indirizzat għall-*insured person* u ċjoè għall-awtur ta' l-atturi, jista' jkun diskuss kemm jista' jingħad illi l-atturi li ssubentraw fid-drittijiet ta' l-*Insured Person* kellhom dritt ta' azzjoni diretta kontra s-soċjetà assiguratriċi li magħha huma ma kkontrattawx direttament;

Mill-banda l-oħra hi possibbli azzjoni tax-xorta ndiretta anke fl-applikazzjoni tal-prinċipju *debitor debitoris mei est meus debitor* jekk tirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża r-rabta tas-soċjetà konvenuta li tassigura lill-impjegati tagħha bil-polza taħt eżami bħal jekk per eżempju jirriżulta li din kienet waħda mill-kondizzjonijiet tax-xogħol jew tal-ftehim kollettiv. Hija dejjem sostenibbli azzjoni tal-kreditur kontra d-debitur tad-debitur tiegħu. Fl-aħħar mill-aħħar is-sitwazzjoni ġuridika fl-agħar ipotesi għall-atturi hi illi s-soċjetà konvenuta daħlet f'kuntratt ma' terzi, impjegati tagħha, li kien jagħtihom benefiċċji in forza tal-polza ta' assigurazzjoni u din il-Qorti ma tarax għaliex din is-sitwazzjoni ma kellhiex tiġi riżolta f'azzjoni li fiha jkun hemm il-partijiet kollha li ndubbjament kellhom

interess ġuridiku fiha biex jiġu ddeterminati d-drittijiet u l-obbligi reċiproċi;

Din il-Qorti allura waslet għall-konvinċiment illi l-ewwel talba attriċi hi sostenibbli biss fil-konfront tas-soċjetà konvenuta *limitatament għad-dikjarazzjoni ta' l-eżistenza tal-polza*; hija valida l-eċċezzjoni tal-konvenuti *nomine* fir-rigward ta' din it-talba illi s-soċjetà konvenuta ma setgħetx tirrispondi għall-premessa jekk il-polza kinitx jew le tapplika fir-rigward ta' l-inċident meritu tal-kawża u li għal dan setgħet biss tirrispondi s-soċjetà assiguratriċi. It-tielet domanda attriċi li hi għal *kundanna tal-konvenuti nomine biex iħallsu l-ammont* likwidat skond il-polza taħt eżami tista' biss tkun sostenibbli kwante volte jiġi ppruvat illi s-soċjetà assiguratriċi kienet obbligata tħallas u jekk u meta effettivament ikun sar il-pagament fit-termini tal-polza. Dana għaliex ma jidhirx li hemm dritt ta' azzjoni diretta da parti tal-benefiċċjarju kontra s-soċjetà assiguratriċi li kienet il-polza tenuta li tħallas lill-persuna magħha assigurata u ċjoè lis-soċjetà konvenuta;

Din il-Qorti jidhrilha għalhekk illi waqt li hu minnu li l-att taċ-ċitazzjoni kien redatt b'mod għall-kwantu infeliċi u nieqes mill-kjarezza, l-azzjoni tista' u għandha tiġi salvata bil-kjamata *fil-kawża tas-soċjetà assiguratriċi li tista' tirrispondi kemm* għat-talbiet attriċi kif ukoll għall-premessi li wasslu għalhom, safejn dawn kienu applikabbli għaliha. Kjamata fil-kawża li din il-Qorti għandha bil-liġi s-setgħa illi tordna u illi fil-fehma tagħha kellha tiġi ordnata mill-Ewwel Qorti in kwantu kienet impliċità anke fl-eċċezzjonijiet u fid-dikjarazzjoni ġuramentata tas-soċjetà konvenuta;

Għal dawn il-motivi l-appell qed jiġi milqugħ u s-sentenza appellata revokata. Tirrimetti l-atti lill-Ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni biex dik il-Qorti tordna li tiġi kjamata fil-kawża

s-soċjetà assiguratriċi Assicurazioni Generali S.p.A. u li l-kawża titkompla anke fil-konfront tagħha. L-ispejjeż ta' dan l-appell jitħallsu mis-soċjetà konvenuta.

---